AGG ADVOCATES
Attard Gerada Gouder

**15 ta' Novembru 2021**

Lis-Segretarju għat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar
St. Francis Ravelin,
Marsa

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
17 NOV 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

| | |
|---|---|
| **Numru tal-Applikazzjoni:** | PA/09188/19 |
| **Tip ta' Applikazzjoni:** | Full development permission |
| **Sit:** | Site at, Ghajn Tuffieha, Golden Bay, Ir-Ramla Tal-Mixquqa, Mellieha. |
| **Proposta:** | Proposed Mobile Kiosk (Class 4b). |
| **Applikant:** | John Muscat |

L-applikazzjoni fuq imsemmija kienet rifjutata mill-kummissjoni ta' l-Ippjanar u permezz tal-presenti att, il-mittenti appellant qiegħed formalment jinterponi appell kontra l-istess deċizjoni, li kienet ippubblikata fit-20 ta' Ottubru 2021.

## Kapi ta' deċizjonijiet għar-rifjut

1. The proposed Class 4B mobile kiosk has not been endorsed by the Malta Tourism Authority and Transport Malta, which are the Authority responsible for the issue of operating licenses for these uses. Thus, the proposal runs counter to Article 72 (2f) of the Development Planning Act (Chapt 552), which requires that the Planning Board shall have regard to recommendations made by consultees.
2. The proposal runs counter to Policy 5.1, Policy 5.3, Policy 5.6 and Policy 5.8 of the Development Control Policy Guidance for Kiosks since kiosks/stalls will not normally be permitted outside existing built up areas, there should be a minimum separation of 500m between kiosks, they should not cause of problems of congestion and the length for the kiosk shall not exceed 5m, respectively.

## Aggravji

### *L-ewwel u t-Tieni raġuni għar-rifjut*

Illi primarjament l-appellant jagħmel referenza għal permess ta' żvillup bin-numru ta' referenza PA/04571/15, liema permess kien approvat wara li dan l-Onorabbli Tribunal, kif diversament presedut, ħassar id-deċizjoni ta' rifjut, u ordna biex l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex toħroġ il-permess tal-iżvilupp;

Illi l-*fatti specie* tal-applikazzjoni odjerna hija identika għal permess suċċitat kif l-appellant se jkun qiegħed jipprova fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi kif dan l-Onorabbli Tribunal ikkonkluda fid-deċizjoni tiegħu għall-appell bin-numru ta' referenza 107/16, id-Development Control Policy Guidance for Kiosks "ma jeskludiex b'mod tassattiv kiosk barra lkonfini tal-iżvilupp, b'mod partikorali firrigward ta' mobile kiosks simili ghal kaz odjern, salv li jigu osservati policies applikabbli".

Illi daqstant ieħor dan l-Onorabbli Tribunal qal li "d-distanza ta' 500 metru minn kiosks ezistenti mhiex tassattiva";

Illi nkwantu għal endorsement mill-*Malta Tourism Authority* and *Transport Malta* rikjest mill-Awtorita', l-appellant ftit li xejn jista' jifhem kif ir-reazzjoni ta' dawn l-Awtoritajiet kien differenti minn dik li s-sottomettew għall-applikazzjoni u eventwali permess ta' żvillup bin-numru ta' referenza PA/04571/15;

Illi apparti minn dan bid-dovut rispett wisq anqas jista' jinftiehem kif l-Awtorita' tal-Ippjanar qed issejjes id-deċizjoni tagħha fuq l-endorsement tal-*Malta Tourism Authority,* meta l-istess Malta Tourism Authority qed tinsisti "the licensing of a mobile kiosk does not fall under the remit of the Malta Tourism Authority".

**TALBA**

Illi għalhekk, in vista tal-Konsiderazzjonijiet magħmula, għandu jirrizulta illi l-applikazzjoni bin-numru PA/09188/19 ma' kelliex tkun rifjutata. Għar-raġunijiet fuq imsemmija l-appellant filwaqt li jagħmel referenza għall-atti tal-kaz u provi oħra produċibbli f'dan l-istadju, jitlob umilment lil dan it-Tribunal sabiex jordna l-ħruġ tal-permess relattiv prevja kwalsiasi provvediment ieħor li jkun opportuni fiċ-ċirkostanzi.

L-appellant qiegħed ukoll minn issa jirriserva d-dritt li jitlob li jsir aċċess fuq s-sit in kwistjoni f'każ li jkun meħtieġ. Huwa in oltre jirriserva wkoll id-dritt li jitlob li jiġu prodotti x-xhieda elenkati f'dan ir-rikors filwaqt li jirriserva d-dritt li jtella' aktar xhieda sabiex jelaboraw fuq is-sottomissjonijiet li qed isiru għas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal.

**Avv. Axl Camilleri**
AGG Advocates 154,
Triq il-Kbir, Lija, LJA 1509

**Avv. Jonathan Attard**

C.C: The Secretary, Environment and Planning Review Tribunal

## Lista ta' Dokumenti

| | |
|---|---|
| Dok. A | Proof of Payment for € 200; |
| Dok. B | Decision Notice; |
| Dok. Ċ | Site Plan relattiv; |

## Xhieda:

- L-appellant sabiex jixhed fuq il-fatti u sabiex jelabora dwarhom;
- Familjari tal-appellant sabiex, jagħtu xhieda dwar fatti relatati mal-propjeta/sit u l-operat;
- Persuni li huma indikati jew firmatarji ta' dokumenti sottomessi mal-applikazzjoni jew ma' dan l-appell;
- Periti nvoluti fl-applikazzjoni nkwistjoni jew fuq Permessi oħrajn fuq l-istess sit;
- Persuni li isimhom mhux magħruf li jafu bil-fatti tal-każ;
- Rapprezentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar, Malta Tourism Authority u Transport Malta.
- Uffiċjali jew impjeati ta' Dipartimenti, Ministeri, Agenziji u Awtoritajiet tal-Gvern;
- B'riżerva għal xhieda ulterjuri.

**Avv. Axl Camilleri**
AGG Advocates 154,
Triq il-Kbir, Lija, LJA 1509

**Avv. Jonathan Attard**